**LAUNCH OF ART EXHIBITION AT SAN ANTON PALACE BEING HELD IN AID OF THE MALTA GUIDE DOGS FOUNDATION**

**Friday 13 June 2014**

**5.30pm**

**Nilqagħkom ġewwa San Anton fejn illum ser inniedu din il-wirja partikolari u li għandha għan daqsħekk nobbli.**

**Din il-wirja tal-arti qed tittella' mħux biss biex il-viżitaturi jkunu jistgħu jitpaxxew bix-xogħolijiet li fiha, izda wkoll biex jgħinu u jappoggjaw kawza fejjieda għal membri tas-soċjeta tagħna.**

**Din il-wirja tixħed ukoll r-rabtiet speċjali li Maltin li telqu minn xtutna biex isibu xortihom f'pajjizi oħrajn, baqgħu dejjem tant qrib art twelidom.**

**Dawn il-Maltin huma Maltin ukoll u huma komunitajiet li qatt ma nsew li huma Maltin.**

**Il-gest sabiħ tal-artista rinomata s-Sinjura Rita Galea ħuwa sinjal ta' dan li qed ngħid.**

**L-emigranti ħutna baqgħu jgħozzu u japprezzaw il-għeruq tagħhom Maltin; l-ezempju ta' Rita Gauci jgħamlilna l-kuragg u jimliena bit-tama.**

**Jien kuntenta li anke fil-ftit jiem li ijli President ta' Malta, diga bdejt niltaqa' mal-Maltin li jgħixu fil-pajjiżi li żort.**

**U fejn saret l-istedina, il-Maltin ġew bi ħġarhom biex jiltaqaw miegħi u biex iżommu kuntatt ma Malta.**

**Dan jagħmilli kuraġġ u jqawwili qalbi għar-rieda tagħna biex noħorgu idejna lejn id-diversi komunitajiet Maltin imxerrdin fuq tliet kontinenti madwar id-dinja; għaliex ċerta li huma jilqgħu kull stedina li nesstendu għalihom.**

**Rita Galea hija waħda minn dawn, li għalkemm għiexet barra minn pajjiżna, baqgħet Maltija.**

**B'sagrifiċċju kbir u b'sens ta' altruizmu li jiġbor fih l-ispirtu ta' solidarjeta li minn dejjem idistingwixxi l-poplu Malti, qed tagħti lil din Malta Guide Dogs Foundation xogħlijiet artistiċi mill-aqwa.**

**Bix-xogħol tagħha, Rita Galea qed tappoggja lil din l-għaqda materjalement u finanzjarjament. Minn naħa tagħha, il Malta Guide Dogs Foundation, bil-ħidma fejjieda u bzonnjuza tagħha, qed tgħin b'kull mezz lil persuni neqsin mid-dawl.**

F'din iċ-ċirkostanza, inħoss li huwa dmir tiegħi li nappella lid-dilettanti kollha li jħobbu l-pittura biex jiġu ħawn u jiflu bir-reqqa l-ħila tal-arti ta' Rita Galea.

Zgur li l-kwadri għandhom jimpressjonawkom bizzejjed biex jakkwistawhom.

Minbarra li jkunu żiedu fil-kollezjonijiet tagħhom pittura mill-isbaħ, jkunu sodisfatti wkoll li anke kkontribwew biex dan is-serviżż ikompli u jikber ukoll.

Il-klieb li qed jgħinu persuni nieqsin mid-dawl qed jagħtu ħajja mill-ġdid.

Din il-Fondazzjoni mliet vojt kbir fis-soċjeta tagħna, u m'hemm l-ebda dubju, bħal ħafna oħra bħala, hi kawża denja u għal qalbna.

Nfakkar ukoll li l-Fondazzjoni tipprovdi mezzi naturali ta' mobbilita u servizzi għal dawk neqsin mid-dawl; tipprovdi mħux biss guide-dogs, imma wkoll after-care services.

**Il-Fondażżjoni trid tieħu ħsieb li s-servizzi pubbliċi u privati, li jkollhom faċilitajiet addatati u *friendly* għal kull minn jużhom, u dan iffisser organizazzjoni u *monitoring* li jiswa l-flus.**

**U minbarra dan kollu, l-Fondażżjoni trid tipprovdi servizz ħolistiku lil dawk neqsin mid-dawl jew li għandhom problemi serji fil-vista; servizzi intizi biex dawn jottjenu l-aħjar kwalita ta' ħajja.**

**Il-Maltin u l-Għawdxin li b'xi mod jgħinu lil din il-Fondażżjoni jkunu qegħdin jiffinanzjaw servizzi ta' *guide dogs*, orjentazzjoni u mobilita, tagħlim kif tuza l-*guide dogs*, ħajja indipendenti għal dawk neqsin mid-dawl u integrazzjoni ta' dawn fis-soċjeta.**

**Meta l-Fondażżjoni ma għanda ebda introjtu ieħor għajr dak minn donazzjonijiet mill-pubbliku, minn organizazzjonijiet filantropiċi u qlub generuzi, lkoll kemm aħna għandna nirrealizzaw li dawn il-voluntiera kuraggjuzi jistħoqqilhom l-appogg sħiħ tal-pubbliku.**

**Nerġa niżżiħajr lill-artista Maltija-Awstraljana Rita Galea mħux biss tal-impenn generuż tagħha, imma wkoll talli b'għemilha qed tixħed kemm ir-rabtiet bejn Artna u l-Komunitajiet Maltin fl-Awstralja huma sodi u intimi.**

**Grazzi minn qalbi.**